Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/0811(NLE)

19.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' Petri Sarvamaa għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0345/2023 – 2023/0811(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Gilles Boyer

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' PETRI SARVAMAA 4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' PETRI SARVAMAA GĦALL-MISTOQSIJIET 5

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta' Petri Sarvamaa għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0345/2023 – 2023/0811(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0345/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A-0000/2023),

A. billi, bl-ittra tat-22 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Petri Sarvamaa għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fis-7 ta' Novembru 2023, ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli/negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Petri Sarvamaa għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' PETRI SARVAMAA

2019 – **Membru tal-Parlament Ewropew**

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, koordinatur tal-Grupp PPE

Grupp ta' Ħidma tal-PPE dwar il-Baġit u l-Politiki Strutturali, viċi President

Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, korelatur u negozjatur ewlieni

Kumitat għall-Baġits, membru sostitut

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, membru

2014–2019 – **Membru tal-Parlament Ewropew**

Kumitat għall-Baġits, l-ewwel viċi President

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, koordinatur tal-Grupp PPE

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, membru sostitut

2012–2014 – **Membru tal-Parlament Ewropew**

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, viċi koordinatur tal-Grupp PPE

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, membru

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, membru sostitut

2011–2012 Sihti Ltd., kumpanija tas-servizz ta' reklutaġġ, Direttur tal-Iżvilupp

2007–2010 Editur inkarigat u Reporter għal Assenjazzjonijiet Speċjali, A-Studio ġrajjiet kurrenti, il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

2002–2006 Kap tal-Uffiċċju tal-Istati Uniti tal-Amerka, Washington D.C., il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

1997–2002 Editur tal-Aħbarijiet Barranin, Aħbarijiet televiżivi, il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

1996–1997 Editur inkarigat, A-Studio ġrajjiet kurrenti, il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

1990–1996 Reporter tal-Aħbarijiet Barranin, 1V News, il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

1989 programm Professjonali Internazzjonali CNN, Atlanta (l-Istati Uniti)

1986–1990 Reporter, Aħbarijiet televiżivi, il-Kumpanija Finlandiża għax-Xandir

Edukazzjoni: Baċellerat tax-Xjenzi Politiċi, Università ta' Helsinki

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' PETRI SARVAMAA GĦALL-MISTOQSIJIET

Esperjenza professjonali

1. Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, sew jekk hija fl-ippjanar baġitarju, fl-implimentazzjoni jew fil-ġestjoni tal-baġit, jew fil-kontroll jew l-awditjar tal-baġit.

L-esperjenza professjonali tiegħi fil-finanzi pubbliċi tikkonsisti fi 11,5-il sena ta' ħidma fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) u fil-Kumitat għall-Baġits (BUDG) tal-Parlament Ewropew.

Servejt fil-Kumitat CONT mill-ewwel jum tiegħi fil-Parlament Ewropew, fl-1 ta' Marzu 2012. Fl-2013 sirt viċi koordinatur għall-grupp politiku tiegħi, u mill-2014 sal-2019 servejt bħala koordinatur. Sussegwentement mill-2019 sal-2021 kont għal darb'oħra l-viċi koordinatur, u mill-bidu tal-2022 erġajt ħadt ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-koordinatur. F'dawn il-kapaċitajiet, fost aspetti oħra ta' kontroll tal-baġit tal-UE, segwejt mill-qrib ħafna l-ħidma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri; bl-użu tar-rapporti tal-QEA fil-ħidma tiegħi, bi żjarat lill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, b'diskussjonijiet dwar il-ħidma tagħhom mal-membri tal-QEA u b'sorveljanza tas-seduti ta' smigħ ta' madwar 20 membru attwali għall-grupp politiku tiegħi fil-Kumitat CONT. Għalhekk, għandi esperjenza estensiva u wiesgħa tal-aspett tal-kontroll tal-baġit tal-UE u speċifikament tal-ħidma u l-kontribuzzjoni tal-QEA.

Fil-Kumitat BUDG servejt bħala l-ewwel Viċi President mill-2014 sal-2019, u għal darb'oħra mill-2021 bħala membru sostitut attiv. Dawn is-snin tawni post fuq quddiem biex insegwi l-ippjanar baġitarju u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea. Pereżempju, fl-2017 ippresedejt it-trilogi f'isem il-Kumitat BUDG għall-estensjoni tal-hekk imsejjaħ "Pjan Juncker", il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

2. X'inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

Fil-karriera tiegħi fil-politika Ewropea, personalment inqis l-akbar kisba tiegħi kienet il-ħidma ta' negozjar dwar ir-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt (2018–2020), u l-ħidma ta' monitoraġġ sussegwenti tal-implimentazzjoni ta' dak ir-regolament (2021-għadu għaddej). Dan ir-regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jkun hemm adeżjoni mal-prinċipji tal-istat tad-dritt sabiex jingħataw il-fondi tal-UE. Kont qed immexxi n-negozjati f'isem il-kumitat CONT u l-Parlament Ewropew. Kif nafu, dan ir-regolament ħoloq bidla radikali. Illum, abbażi ta' dan ir-regolament, għexieren ta' biljuni ta' euro qed jiġu ffriżati fir-rigward ta' żewġ Stati Membri minħabba ksur tal-istat tad-dritt f'dawk l-Istati Membri.

Fl-isfera baġitarja, kont kuntent li kelli rwol sinifikanti f'leġiżlazzjoni importanti oħra, it-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Għal dan il-għan, ippresedejt in-negozjati tat-trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fl-2017. Dan il-fond u l-estensjoni tiegħu (2017–2020) skattaw u mmobilizzaw mijiet ta' biljuni ta' euro ta' investiment privat għal firxa wiesgħa ta' proġetti mwettqa fl-UE.

Kisbiet oħra fit-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropej, li għalija kienu fost l-aktar sinifikanti, jinkludu r-rwol tiegħi fl-Istrateġija Ewropea għall-Foresti (rapporteur 2019), u lura fl-2013 ir-

rwol tiegħi fin-negozjati dwar il-piż u d-dimensjonijiet tat-trakkijiet li jinstaqu fl-Ewropa, b'dan ir-rwol fil-biċċa l-kbira ffranka l-għajxien ta' intrapriżi tat-trasport tat-trakkijiet tqal fl-Istat Membru tiegħi.

Nixtieq ukoll ninkludi xi wħud mill-affarijiet li kelli l-privileġġ li nikseb fl-ewwel karriera tiegħi fil-ġurnaliżmu, li qattajt aktar minn 20 sena minn ħajti. F'dawk is-snin bejn l-1988 u l-2010, rajt direttament il-bidu tar-Rivoluzzjoni tal-Bellus fiċ-Ċekoslovakkja, il-perjodu wara t-tneħħija ta' Nicolae Ceausescu fir-Rumanija, l-ewwel elezzjonijiet ħielsa fil-Bulgarija u l-Polonja post-Komunisti, u eventwalment il-gwerer li wasslu għat-tkissir tal-Jugoslavja fil-Kroazja u s-Serbja. Kont personalment ixxurtjat meta l-aħbarijiet televiżivi stess ġew rivoluzzjonati bit-twelid tas-CNN, fejn kont qed naħdem meta waqa' l-ħajt ta' Berlin fl-1989. Koprejt is-summit Bush-Gorbachev fl-1990, li stabbilixxa l-bidu tal-"ordni dinji l-ġdid" għad-deċennju ta' wara. Kont abbord USS America meta l-ġettijiet li telqu mill-gverta tiegħu temmew l-itwal assedju (ta' Sarajevo) fl-Ewropa wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Koprejt il-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (CSCE), iltqajt ma' għadd kbir ta' mexxejja Ewropej u Dinjija u segwejt l-emerġenza tad-dinja ta' wara 9/11, meta kont ibbażat f'Washington D.C. bejn l-2002 u l-2006. Naħseb li huwa utli li nsemmi dawn l-affarijiet hawnhekk fit-tweġibiet bil-miktub tiegħi għal mistoqsijiet dwar il-merti tiegħi biex insir membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, sempliċiment għaliex fil-fehma tiegħi dawk l-avvenimenti kollha u l-prossimità tiegħi magħhom ippermettewli nifhem aħjar l-importanza tal-proġett Ewropew.

3. X'kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi internazzjonali bbażati barra minn pajjiżek?

- Cable News Network (1989)

- Għadd kbir ta' impenji ma' organizzazzjonijiet multikulturali u multilingwistiċi bħala ġurnalist bejn l-1990 u l-2010

- Membri tal-Parlament Ewropew (2012–)

4. Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta' ġestjoni li kont twettaq qabel, jekk tapplika proċedura bħal din?

Matul il-karriera professjonali tiegħi, ma kontx soġġett għal proċess ta' kwittanza.

5. Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta' ħatra politika?

L-ebda.

6. X'inhuma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja professjonali tiegħek?

1) Kont korelatur tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

2) Kont il-kopresident tal-Parlament Ewropew għan-negozjati tat-trilogu tar-Regolament 2016/0276 (COD) il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi; l-estensjoni tad-durata (il-"Pjan Juncker").

3) Kont ir-relatur dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Foresti fl-2019–2020.

Indipendenza

7. It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jridu jkunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 285 u 286, Taqsima 7: il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma meħtieġa li jkunu kompletament indipendenti. Nirrispetta bis-sħiħ din ir-regola. Filwaqt li t-trasparenza, l-indipendenza u l-oġġettività kienu l-pedamenti tal-ħidma politika kollha tiegħi matul il-karriera tiegħi, bħala Membru tal-QEA nimxi ma' dawn il-prinċipji mija fil-mija.

Nirrispetta bis-sħiħ ukoll il-kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-QEA u nitlob parir mill-Kumitat tal-Etika tal-Qorti fi kwalunkwe sitwazzjoni mhux ċara possibbli.

8. Inti jew qraba stretti tiegħek (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u wlied) għandek jew għandhom xi azjendi tan-negozju jew finanzjarji, jew xi impenji oħra, li jistgħu jidħlu f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Le.

9. Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?

Iva, jien kompletament lest li niżvela l-informazzjoni kollha meħtieġa.

10. Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Le, miniex.

11. Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Ilni Membri tal-Parlament Ewropew mill-1 ta' Marzu 2012. Fil-livell Ewropew qed nirrappreżenta l-Partit Popolari Ewropew (PPE), u fl-Istat Membru tiegħi, il-Finlandja, jien membru tal-Partit tal-Koalizzjoni Nazzjonali (Kokoomus).

12. Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt eletta fiha jew titlaq kull funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?

Iva, mingħajr l-ebda eżitazzjoni.

13. Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?

Jekk isseħħ din it-tip ta' sitwazzjoni, insegwi l-istess proċess bħal kwalunkwe każ ieħor ta' frodi. L-imparzjalità, ix-xettiċiżmu professjonali u l-ġudizzju huma ħiliet kruċjali li jeħtieġ li jkollu Membru tal-QEA, u jien inqis li nissodisfahom. F'sitwazzjoni bħal din, ikun ukoll ta' importanza kruċjali li jkun hemm kooperazzjoni trasparenti mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Qadi tad-dmirijiet

14. X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex issaħħaħha?

Il-ġestjoni finanzjarja tajba trid tkun fiċ-ċentru tal-infiq pubbliku kollu. Il-ġestjoni finanzjarja tajba trid tiġi rispettata fl-istrateġija, il-valuri, il-kultura u l-attivitajiet ta' kuljum tal-organizzazzjoni pubblika u l-uffiċjali tagħha.

L-infiq pubbliku għandu jkun ukoll trasparenti u responsabbli lejn il-pubbliku, sabiex tissaħħaħ il-leġittimità tiegħu.

Fil-prattika, il-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba jinkludu:

- Viżjoni strateġika ċara: strateġiji u objettivi definiti sew jipprovdu sens ta' skop u direzzjoni.
- Trasparenza u involviment pubbliku: il-ftuħ u l-aċċessibbiltà fil-proċessi finanzjarji kollha, flimkien ma' involviment attiv mal-pubbliku, irawmu l-fiduċja u l-kunfidenza.
- Kapaċità amministrattiva: kapaċità organizzattiva suffiċjenti hija kruċjali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva.
- Miżuri regolatorji solidi: qafas ta' kontroll strett jiggarantixxi l-legalità u r-regolarità tal-allokazzjonijiet finanzjarji u l-infiq.
- Traċċabbiltà u sorveljanza demokratika: ir-rapportar trasparenti, is-segwitu u l-iżvelar pubbliku tal-eżiti miksuba jistabbilixxu responsabbiltà demokratika.
- Governanza etika: struttura ta' governanza etika tiżgura l-infurzar tal-istandards morali u l-integrità.

Il-QEA tista' tgħin biex jiġu infurzati dawn il-karatteristiċi ewlenin billi:

- Tmexxi bl-eżempju u turi prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tajba fl-operazzjonijiet tagħha stess.
- Tipprovdi linji gwida u taqsam l-aħjar prattiki.
- Tagħti rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq metodi ta' awditjar versatili u ssegwi dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
- Tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet jinftiehmu fl-organizzazzjoni pubblika inkwistjoni, billi taħdem mal-partijiet ikkonċernati ewlenin bħall-maniġment superjuri u l-persunal.
- Ittejjeb ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u d-djalogu lil hinn mill-proċessi parlamentari regolari.
- Tinvolvi ruħha mal-pubbliku biex tinbena sensibilizzazzjoni u fehim tal-importanza ta' ġestjoni finanzjarja tajba fis-settur pubbliku.
- Tappoġġja r-riċerka dwar prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tajba.
- Taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra biex jiġu promossi u appoġġjati prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tajba madwar id-dinja.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament huwa u jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ sew is-sorveljanza pubblika fuq l-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

Ir-relazzjoni bejn il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u l-Parlament Ewropew hija definita b'mod ċar fl-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-QEA u b'mod partikolari l-Kumitat CONT tal-Parlament Ewropew jeħtiġilhom jaħdmu flimkien mingħajr xkiel sabiex jiżguraw obbligu ta' rendikont u sorveljanza xierqa tal-baġit tal-UE.

Sabiex tkompli tiġi żviluppata l-kooperazzjoni bejniethom, speċjalment fil-bidu ta' leġiżlatura ġdida s-sena d-dieħla, il-QEA jeħtiġilha toħloq rabta b'saħħitha mal-membri ġodda tal-Kumitat CONT u tinvolvi ruħha fil-ħidma tal-QEA. F'dan ir-rigward, il-QEA u l-membri tagħha jeħtiġilhom ikunu proattivi, u jien nistinka għal din it-tip ta' attività jekk niġi elett.

Il-metodi attwali għall-kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit, bħal rapporti speċjali, verifiki fuq il-post, jew valutazzjonijiet oħra huma importanti għall-appoġġ tal-ħidma tal-Kumitat CONT u għandhom jinżammu u jiġu żviluppati.

Għalkemm il-prattiki attwali ġeneralment qed jaħdmu, l-utilità tagħhom għandha tiġi mmonitorjata u evalwata b'mod kostanti. Il-QEA għandha titlob ukoll informazzjoni aġġornata mill-membri tal-Kumitat CONT dwar kif jixtiequ li l-QEA tipproduċi informazzjoni biex tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom. Jekk il-prattiki attwali tal-QEA jitqiesu insuffiċjenti jew mhux ta' benefiċċju, għandhom jitqiesu wkoll is-suġġerimenti tal-membri tal-Kumitat CONT għat-titjib tal-kooperazzjoni.

Barra minn hekk, naħseb li huwa importanti li jiġi kkunsidrat kif din l-informazzjoni siewja tista' ssir aktar aċċessibbli għall-pubbliku. Il-QEA għandha wkoll tikkomunika b'mod attiv ir-riżultati tar-rapportar tagħha liċ-ċittadini sabiex ittejjeb is-sorveljanza pubblika tal-infiq ġenerali u l-valur tiegħu għall-flus.

16. X'valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjonijiet u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta' ġestjoni?

L-ewwel nett, għalija huwa ċar li l-awditjar tal-prestazzjoni, f'ħafna modi, se jibqa' l-qasam tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja li se jiġbor l-aktar attenzjoni fis-snin li ġejjin. Dan huwa sempliċiment minħabba "l-famużi tliet Ejiet", fejn l-effiċjenza u l-effettività se jingħataw aktar attenzjoni kemm fl-ibbaġitjar nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Il-flus se jkunu saħansitra aktar skarsi minn qabel. B'xi mod, it-tweġiba għall-ewwel domanda dwar il-valur miżjud diġà hija mwieġba: Kulħadd, mill-kontribwenti, għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u tal-UE se jkollu dejjem aktar xewqa li jikseb tweġibiet aktar dettaljati u speċifiċi għall-mistoqsija "X'qed niksbu bi flusna?"

Dan ifisser li l-awditjar tal-prestazzjoni jrid jiġi żviluppat kontinwament u b'mod kostanti. Dan huwa tabilħaqq rifless fl-istrateġija attwali tal-QEA, u se jkollu jingħata aktar attenzjoni fl-iżvilupp ta' strateġija ġdida tal-QEA lil hinn mill-2025.

Fir-rigward tan-naħa l-oħra tal-munita, huwa daqstant importanti li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA jirriżultaw ukoll f'bidla sinifikanti fil-proċeduri ta' ġestjoni. Dan il-proċess jista' jitqies parzjalment bħala evoluzzjoni waħda, mingħajr tmiem, fejn il-QEA idealment tikkonċentra l-awditjar tal-prestazzjoni tagħha fuq oqsma u suġġetti rilevanti. Barra minn hekk, biex jinkiseb l-aħjar użu mill-awditjar tal-prestazzjoni, il-miri u l-objettivi tal-programm awditjat għandhom jiġu definiti b'mod suffiċjenti. Fi kliem ieħor, huwa importanti għall-QEA mill-bidu nett li tagħżel il-każijiet it-tajbin għall-awditu tal-prestazzjoni.

Meta tippreżenta s-sejbiet u tagħti rakkomandazzjonijiet, il-QEA idealment għandha tkun konkreta u speċifika kemm jista' jkun. Aktar ma tkun hekk, aktar se jkun diffiċli għall-partijiet ikkonċernati ewlenin li jinjoraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA. Għax hawnhekk, huwa tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li l-inkorporazzjoni finali tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet hija r-responsabbiltà ta' ħaddieħor, l-aktar tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. U fl-aħħar nett, f'dak li għandu x'jaqsam mal-awditjar tal-prestazzjoni, il-valur miżjud huwa biss fil-bidla għal aktar prestazzjoni u prestazzjoni aħjar li l-QEA tista' tikkontribwixxi għaliha – u jista' jiġi stmat biss fir-rigward ta' dan.

17. Kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' awditjar u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) rigward l-awditjar tal-baġit tal-UE?

Naħseb li wieħed mill-fatturi ewlenin biex tingħata tweġiba għal din id-domanda huwa li l-Qorti tkun tidher fin-nofs; hija l-Qorti Ewropea tal-Awdituri li kontinwament qed tittratta direttament kemm mal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar kif ukoll mal-Kumitat CONT.

L-aħjar modi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-QEA u tal-awdituri nazzjonali jistgħu jinstabu f'aktar komunikazzjoni u komunikazzjoni aħjar bejn it-tnejn. Dan ifisser, pereżempju, kondiviżjoni aktar effiċjenti tal-għarfien, tagħlim minn xulxin meta jiġu żviluppati l-aħjar prattiki u valutazzjoni komparattiva. Modi sinifikanti oħra jistgħu jinvolvu aktar koordinazzjoni tal-awditi, speċjalment biex jinstab l-aħjar potenzjal fil-qasam tal-awditi konġunti.

Peress li t-tielet dimensjoni tal-mistoqsija hija l-Kumitat CONT, huwa essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li l-Kumitat CONT huwa s-salib it-toroq meta wieħed iħares lejn l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Il-Kumitat u l-membri tiegħu għandhom għarfien u fehim sostanzjali tal-ġestjoni kondiviża, li min-naħa tagħha tirrappreżenta madwar 80 fil-mija tal-baġit kollu tal-UE. Għalhekk, meta wieħed jipprova jtejjeb l-effiċjenza ta' dan it-trijangolu, wieħed għandu jaħseb definittivament dwar modi kif tista' tittejjeb il-komunikazzjoni minnofs (il-QEA) għaż-żewġ naħat fl-istess ħin.

It-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni bejn it-tlieta jista' forsi jsir fil-forma ta' workshop konġunt tal-QEA, l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew. Forsi f'dan il-kuntest, jistgħu jiġu solvuti xi mistoqsijiet aktar profondi, bħall-kompatibbiltà ta' metodoloġiji tal-awditjar differenti.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rapportar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuratezza tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

Sfortunatament, huwa minnu li kellna ħafna eżempji fejn il-Kummissjoni Ewropea ma rċevietx informazzjoni preċiża mill-Istati Membri. Hemm ħafna naħat għal din il-problema, u mod kif wieħed jista' jħares lejha huwa eżattament dan: Il-QEA tagħti l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sejbiet tagħha ta' data mhux preċiża jew insuffiċjenti, mogħtija mill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat CONT tiegħu?

Hawnhekk għandna nkunu onesti ħafna, peress li l-aktar għan importanti għalina lkoll huwa li l-baġit tal-UE jaħdem aħjar, kemm jekk ikun dwar l-awditjar finanzjarju, tal-konformità jew tal-prestazzjoni. Peress li kont parti minn dawn id-diskussjonijiet għal kważi tnax-il sena, smajt mistoqsija ħażina wisq drabi: "X'taħseb dwar l-hekk imsejħa l-pubblikazzjoni tal-ismijiet u ċ-ċanfir pubbliku?" Il-mistoqsija għandha punt tat-tluq ħażin fiha nfisha. Mhijiex kwistjoni ta' ċanfir pubbliku, iżda hija dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-baġit tal-UE. U li jkun hemm amministrazzjoni tajba tal-flus tal-kontribwenti. Biex inkun onest, ninsab kemxejn inkwetat li għal xi żmien diġà, lanqas smajt aktar il-mistoqsija żbaljata.

Għalhekk, naħseb li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tistinka għal aktar trasparenza u frankezza fir-rapportar tagħha tas-sejbiet fl-Istati Membri. L-uniku mod biex l-affarijiet isiru aħjar huwa li kull min ikun involut ikun jaf x'inhuma l-problemi, id-dubji u d-dgħufijiet u eżattament fejn jinsabu fis-sistema.

Mistoqsijiet oħrajn

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

Se nirrispetta r-riżultat tal-votazzjoni fil-Kumitat CONT u fil-plenarja, u nirtira l-kandidatura tiegħi jekk ikun meħtieġ.